



10.11.2010

0086/2010

DIKJARAZZJONI BIL-MIKTUB

imressqa skont l-Artikolu 123 tar-Regoli ta' Proċedura

dwar il-protezzjoni tal-ilma bħala riżorsa pubblika

**Giommaria Uggias, François Alfonsi, Véronique De Keyser, João Ferreira,
Niccolò Rinaldi**

Data ta' skadenza: 17.2.2011

Dikjarazzjoni bil-miktub dwar il-protezzjoni tal-ilma bħala riżorsa pubblika

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-Artikolu 123 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi n-Nazzjonijiet Uniti rrikonoxxiet id-dritt universali tal-bniedem għall-ilma u għal kundizzjonijiet tajbin għas-saħħa (Riżoluzzjoni tal-Assemblea Ġenerali tan-NU A/64/L.63/Rev.1),
- B. billi ħafna ċittadini Ewropej ma jgawdux mid-dritt għall-ilma bħala "riżorsa komuni tal-umanità" (Riżoluzzjoni tal-PE, P6_TA(2006)0087) minħabba l-privatizzazzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni tal-ilma,
- C. billi l-privatizzazzjoni kkaġunat inugwaljanzi u esklużjoni, u ta' spiss wasslet għal żidiet drastiċi fir-rati tal-ilma, tnixxijiet eċċessivi, taqlib fis-servizz tal-ilma u ġestjoni irresponsabbli, sabiex f'xi każi kien hemm ritorn għal ġestjoni pubblika tas-servizzi,
- 1. Itenni li l-ġestjoni tar-riżorsi tal-ilma m'għandhiex tkun soġġetta għar-regoli dwar is-suq intern (Riżoluzzjoni tal-PE, P5_TA(2004)0183);
- 2. Jistieden lill-istituzzjonijiet tal-UE u lill-Istati Membri biex jagħmlu l-isforzi kollha possibbli biex jiżguraw li kulħadd igawdi mid-dritt għall-ilma u għal kundizzjonijiet tajbin għas-saħħa, bla esklużjonijiet;
- 3. Ihegġegħ lill-Kummissjoni terġa' teżamina l-leġiżlazzjoni rilevanti, b'mod partikulari dik dwar l-akkwisti u l-konċessjonijiet pubbliċi, sabiex tiggarrantixxi s-sjieda u l-ġestjoni pubbliċi tal-ilma u l-utilitajiet tal-ilma;
- 4. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-dikjarazzjoni, flimkien mal-ismijiet tal-firmatarji, lill-istituzzjonijiet Komunitarji u lill-gvernijiet u l-parlamenti tal-Istati Membri.